# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 189/2014**

Il-Pulizija

vs

**Martin Aquilina**

iben Anthony, imwieled Pieta', fl-4 ta' Jannar, 1954, detentur tal-karta tal-identita' numru 738254 (M)

Illum 23 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Martin Aquilina quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fis-6 ta' Jannar 2014, għall-ħabta ta' bejn l-16:00 hrs u 16:15 hrs, ġewwa Triq Sant'Antnin, Sliema, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, fixkel lil Kristina Dougall (ID 397892(M)), fil-pussess ta' ħwejjiġha (Art. 85(1), Kap. 9);

Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għamel lil Kristina Dougall inġurji jew theddid, jew jekk kien provokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni (Art. 339(e), Kap. 9).

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra l-piena li jidrilha xierqa, tapplika s-soltu garanzija u dan għas-sigurta` ta' Kristina Dougall (Art. 383, Kap. 9).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-22 ta' April, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 85 u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat **mhux ħati** tat-tieni imputazzjoni u lliberatu minnha, b'dan illi sabitu **ħati** tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien tlett (3) xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati, bi kliem sempliċi, il-konsegwenzi skond il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata.

Stante li l-Qorti ma dehrilhiex li dan huwa każ fejn kellha torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nniffsu ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9, ma rabtitx lill-ħati b'tali obbligazzjoni, kif mitlub mill-Prosekuzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Martin Aquilina minnu ppreżentat fit-28 ta' April, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermha dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx lill-appellanti ħati tat-tieni imputazzjoni u f'dik il-parti fejn ddeċidiet li ma għandhiex għalfejn torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu ai termini tal-Artikolu 383 tal-kap 9, u tirrevoka, tħassar u tannulla dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellanti ħati taħt l-artikolu 85 tal-Kap 9 u tillibera lill-appellanti minn kull ħtija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-kwerelanti ma għamlitx kwerela kif jeħtieġ l-artikolu 85 tal-Kap 9 u l-ebda kopja tal-kwerela ma ġiet preżentata fl-atti.

Illi l-elementi tal-artikolu 85 tal-Kap.9 ma ġewx pruvati u dan stante li huwa ma kienx qed jeżerċita ebda dritt li qed jippretendi li għandu għax effettivament lil garaxx m'għamillu xejn biex jostakola lil kwerelanti milli jkollha aċċess fil-garaxx u huwa ma ċaħħadx lil kwerelanti mill-pussess tal-garaxx.

Illi l-kwerelanti ma għandhiex aċċess mill-blokk ta' appartamenti u għalhekk ma tistax tippretendi li l-appellanti għax r-remote tagħha tal-garaxx ma jaħdimx, li jmur jifthilha l-garaxx manwalment minn ġewwa.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda l-applikazzjoni tal-Artikolu 85 tal-Kap 9 li jirrigwarda l-eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet.

Illi kif diversi drabi ritenut fil-ġurisprudenza tagħna l-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat huma erbgħa kif ben ikkwotat mill-Ewwel Qorti huma s-segwenti:

1) Att estern li jispolja lil xi ħaddieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi , liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni espresso jew presunta, ta' dan il-ħaddieħor;
2) Il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eserċizzju ta' dritt;
3) Il-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika u
4) In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. (Ara . App. Krim. 'Il-Pulizija vs Carmel magħruf bħala Charles Farrugia 17.02.1995, App. Krim. Il-Pulizija vs Spiro Bartolo 9.01.2006, il-Pulizija vs Reno Micallef 6.06.1995 u oħrajn)

**A) Xhieda :**

1) Fix-xhieda tagħha l-kwerelanta **Kristina Dougall** (Fol 9-18) tgħid li fis- 6 ta' Jannar, 2014 hija kienet sejra għal eżami tal-universita' u hi u sejra għal karozza bdiet tagħfas ir-*remote control* tal-bieb tal-garaxx. Il-garaxx ma bediex jinfetaħ u peress illi hija kienet tard ċemplet xi nies li joqgħodu fl-appartamenti iżda kollha qalulha biex tkellem lil appellant is-sur Martin Aquilina li huwa l-amministratur tal-appartamenti fejn jinsab l-garaxx.

Hija talbitu biex jagħtiha aċċess minn ġewwa sabiex tkun tista' toħroġ il-karozza tagħha. Is-sur Aquilina irrifjuta li jiftaħ il-garaxx, kellimha vulgari ħafna ( pero' hi ma tiftakarx x'kliem kien eżatt ) ,qallha li biex jiftħilha il-garaxx missierha għandu l-ewwel jħallsu u jekk trid tista' taqbad taxi għall-eżami. Hija tispjega li peress li ma jgħixux fil-flats ta' fuq il-garaxx l-unika mezz biex tidħol huwa permezz ta' dan ir-*remote control* mentri s-sidien tal-flats jistgħu jużaw ċavetta wkoll. Meta r-*remote control* ma taħdimx apparti li dejjem ibiddlu l-batterija tagħha għax tintuża ħafna, huma jkollhom jitolbu aċċess minn ġewwa u cioe' iċemplu l-qanpiena ta' xi ħadd mill-flats biex jagħtihom aċċess. Ix-xhud issemmi wkoll li l-main jiġi mitfi minn ġewwa u jista' jkun li kien tfih l-appellant dakinhar għax ir-*remote* ma kellhiex għalfejn ma taħdimx pero' tgħid wkoll li ma għandhiex provi biex tipprova dan il-fatt.

2) Fix-xhieda tiegħu l-appellant **Martin Aquilina** (Fol 19-22) jgħid li kien qed jistrieħ meta ċemplitlu l-bieb biex jiftħilha, staqsiha jekk ir-*remote* hux qed taħdem u hi qaltlu li iva. Qallha mela ma nista' nagħmillek xejn għax mhux ser nagħmel sforz mal-bieb biex niftħu minħabba li nbati b'dahri. Inoltre, li mhux ser jagħmel sforz meta missierha qatt ma jħallsu d-donazzjonijiet li jitolbu. Jinnega li kellimha vulgari imma li vera qallha 'mur għid lil misserek iħallasni l-ewwel u ngħinek'. Huwa jgħid li dak il-ħin id-dar kien hemm miegħu l-*business partner* Abdel Gder Bannon.

3) Fix-xhieda tiegħu **Abdel Gder Bannon** (Fol 23-28) jgħid li hu kien għadu dieħel fil-flat u xi 10 jew 15 – il minuta wara sema' lil Martin jitkellem fuq l-intercom biex jiftaħ il-garaxx u li mhux ser jiftaħ minħabba dahru u li biex tgħid lil missierha jifthilha l-bieb jew iħallas. Huwa ma semax lil Martin juża kliem dispreġjattiv. Dak il-ħin is-sur Aquilina staqsih jekk kienx daħal mill-garaxx u jekk użax r-remote control, u qallu li iva.

**B ) Aggravji:**

1) **L-ewwel aggravju mressaq mill-appellant huwa li l-kwerelanta ma għamlitx il-kwerela**

Illi mill-atti jirriżulta li mar jagħmel ir-rapport rigward l-akkadut missier l-kwerelanta dakinhar stess fil-5:16p.m. (fol 2-5) u hi marret l-għassa wara l-eżami (fol 12) kif jirriżulta mix-xhieda tagħha. Dan huwa ukoll konfermat mill-affidavit ta' WPS 215 Valerie Farrugia a fol 6.

Illi in oltre, l-artikolu 542 tal-Kap 9 jagħmilha ċara li l-kwerela tista' ssir mill-axxendenti għad-dixxendenti, l-artikolu 537 jispeċifika li tista' ssir bil-fomm u skont l-artikolu 373 tal-kap 9 jekk l-parti offiża ma tkunx irrinunzjat għall-azzjoni kriminali espressament fi żmien erbat ijiem il-Pulizija tista' xorta tipproċedi *ex officio* .

Illi fil-każ **Pulizija vs Joseph Schembri** l-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) deċiża fil-25 ta' Jannar, 2007 (Appell Numru 307/2006) qalet is-segwenti:

*'...Il-kwistjoni proċedurali tal-kwerela meta l-azzjoni kriminali ma tistax tipprosegwi ħlief bi kwerela tal-parti leża jew ta' persuna oħra li tkun taħt it-tutela jew il-ħsieb tagħha (art. 542 tal-Kodiċi Kriminali). In linea ġenerali, skond l-artikolu 373 tal-Kapitolu 9, meta l-Pulizija Esekuttiva tipproċedi "ex officio", meta l-parti offiża ma tkunx mexxiet l-azzjoni kriminali u ma tkunx irrinunżjat espressament għaliha fi żmien erbat ijiem, in-nuqqas ta' konferma ta' kwerela (jew anki bir-reċess tal-parti offiża) ma tinnewtralizzax l-azzjoni. Jekk l-azzjoni tkun ġiet inizzjata indipendentement mill-kwerela*

*tal-offiż, hija tibqa' sal-ahhar indipendenti minn dik il-kwerela u għandha titkompla sakemm tiġi mogħtija s-sentenza, trid jew ma tridx il-parti offiża.*

Għaldaqstant dan l-aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

2) **It-tieni aggravju jirrigwarda l- fatt li l-elementi tal-artikolu 85 tal-Kap 9 ma ġewx pruvati**

L-artikolu 85 tal-Kap 9 huwa ċar u kif qalet l-Ewwel Qorti ma tahiex aċċess għal karozza tagħha għax ħaseb li għandu dritt jagħmel hekk għax missierha ma kienx ħallsu d-donazzjonijiet. Infatti kemm mix-xhieda tagħha u kif ukoll fix-xhieda tiegħu tirriżulta li huwa ma riedx jiftaħ il-garaxx għax missierha kien naqas milli jħallsu. Huwa ha l-liġi f'idejh meta suppost din il-kwistjoni għandha tirrisolva ruħha bi ftehim jew quddiem Qorti. Bl-aġir tiegħu huwa fixkel lil kwerelanta fil-pussess ta' ħwejjiġha.

**Illi fil-każ il-Pulizija vs Joseph Bongailas** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) (Referenza 123/2001/1) fit-22 t'Ottubru, 2001

> *Mela dan l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, bl-ewwel rekwiżit tiegħu, kjarament iqis bħal aġir kriminali kull att ta' xi ħadd li jfixkel lil xi ħaddieħor fil-pussess ta' xi ħaġa li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, għalhekk, jittutela l-pussess tal-ħaġa u mhux neċessarjament ukoll il-propjeta' tagħha.* ***Il-kelma pussess, għalhekk, tinkludi l-użu jew dgawdija ta' dik il-ħaġa.***
>
> Għal din ir-raġuni t-tieni aggravju mhux qed jiġi milqugħ .

3) **It-Tielet aggravju jirrigwarda l-fatt li l-kwerelanta ma tistax tippretendi li l-appellanti jiftħilha l-garaxx manwalment jekk ir-remote tagħha ma taħdimx**.

Il-kwerelanta kienet ċemplet sidien oħra biex jiftħula l-bieb ħalli tkun tista' toħroġ il-karozza tagħha pero' kulħadd qallha biex iċċempel lil appellant. Iġifieri kienet pruvat mod ieħor biex tidħol.

Illi l-kwerelanta ma tippretendix li huwa jinżel biex jiftħilha l-bieb kull darba imma mingħajr ċavetta ma għandhiex triq oħra biex tuża l-karozza tagħha meta d-dawl ikun mitfi mill-main .L-istess *remote control* li ma ħadmitx tlett sigħat qabel, ħadmet meta marru jkellmuh il-Pulizija.

Illi l-kwerelanta fl-ebda mument ma semmiet li riedet lil appellant jiftaħ il-bieb manwalment u inoltre, l-fatt li huwa jbati b'dahru ssemmiet biss fix-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti għax ma saret ebda referenza għal dan il-fatt mill-kwerelanta jew mill-appellant stess mal-Pulizija jew anke mix-xhieda tal-istess business partner tiegħu. Iżda kollha jikkonfermaw li huwa ma riedx jagħti aċċess qabel ma jħallas l-pendenzi missierha u dan meta bil-kuntratt għandhom dritt li jidħlu fil-blokk biex jiftħu minn ġewwa meta l-bieb tal-garaxx ma jinfetaħx.

Għaldaqstant dan l-aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

Illi l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għal konklużjoni tagħha u għalhekk din il-Qorti ma tħossx li għandha tiddisturba din is-sentenza.

Għaldaqstant din il-Qorti tichad l-appell ta' Martin Aquilina u tikkonferma s-sentenza appellata.